26 ta' Ġunju, 1947.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Neg. Carmelo Galea *versus* Avv. Dr. Paolo Borg Grech et ne.

**Ġurisdizzjoni — Kompetenza — Elezzjoni ta' Tribunal Divers mill-Qrati Lokali.**

*Il-patt li bih il-partijiet jirrimettu għal tribunal ieħor il-kwistjonijiet li jinqalgħu bejniethom huwa validu, u jorbot lil dawk il-partijiet, bħala regola.*

*Iżda dak il-patt ma jiswiex biex ineħħi l-kompetenza tal-Qrati Tagħna għal kollox. Dawn il-Qrati jibqgħu kompetenti meta jkun il-każ li jsir aċċertament fuq nuqqas ta' merkanzija, jew defiċjenza fil-piż, jew ħsara oħra li tista' tiġi aċċertata biss, jew l-aktar malajr u l-aktar faċilment, fil-pajjiż tagħna fejn ġiet skarikata u tinsab il-merkanzija. F'dan il-każ il-Qrati tagħna jibqgħu kompetenti, imma limitatament għall-aċċertament u l-verifika tal-ħsara fil-merkanzija.*

L-attur fit-taħrika qal li huwa, per mezz ta' ċertu Joseph Caruana, xtara minn għand id-ditta konvenuta għoxrin (20) barri (fħal) smien u għaxar (10) baqar, bil-prezz ta' 3s. 5d. kull kilò; u li mill-barrin sebgħa rriżultaw li huma kastrati, kif jidher miċ-ċertifikat tat-tabib veterinarju tad-29 ta' April 1947 (dok. A); u illi waħda mill-baqar kienet marida bit-tuberkolożi, u l-laħam tagħha ġie mgħoddi bħala ta' kwalità inferjuri skond iċ-ċertifikat ta' Dr. Andrè J. Cassar (dok. B); u li l-bhejjem kollha ġew fl-20 ta' Marzu 1947 dikjarati bħala li kellhom il-piż ta' 12,388 kilos (dok. C), mentri meta ntiżnu f'Malta fit-22 ta' l-istess xahar, il-piż tagħhom irriżulta ta' 10,930 kilos (dok. D), u b'hekk l-attur sofra deficjenza fil-piż ta' 1,458 kilos, li tagħha ġie addebitat mid-ditta konvenuta; u talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li d-ditta konvenuta hija responsabili għad-defiċjenza fuq imsemmija fil-piż tat-tletin bhima in kwistjoni; (2) jiġi aċċertat per mezz ta' esperti li mill-20 barra sebgħa huma kastrati, u li d-ditta konvenuta għandha tagħmel tajjeb għall-konsegwenzi ta' dina l-inadempjenza tal-ftehim; u (3) jiġi dikjarat u deċiż li waħda mill-baqar mibjugħa kienet tuberkolotika u li d-ditta konvenuta hija responsabili lejn l-at-

tur tad-danni kollha li sofra. B'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż, kompriż dawk tal-protest tat-28 ta' Marzu 1947, kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Mid-dokument fil-fol. 7 u mix-xhieda ta' l-attur jirriżulta li l-attur, per mezz ta' l-aġent Joseph Caruana, xtara minn għand id-ditta konvenuta l-bhejjem in kwistjoni. Il-bejgħ sar F.O.B. Tripli, u l-ħlas kellu jsir u sar fi Tripli, per mezz ta' ftuħ ta' kreditu da parti ta' l-attur. Caruana ma kellux imur Tripli; u, kif kien jaf l-attur stess, kien jaħdem per mezz ta' l-aġent tiegħu fi Tripli, ċertu G. Bolla, li jidher ismu fuq il-fattura. Fuq il-fattura hemm stampat b'ittri kbar u b'mod kospikwu, il-patt:— "Per qualunque contestazione è esclusivamente competente il foro giudiziario di Tripoli";

Skond il-ġurisprudenza ta' dina l-Qorti, patt bħal dak huwa validu u jorbot lill-partijiet, bħala regola; iżda hemm eċċezzjonijiet meta dak il-patt ma jiswiex biex ineħħi l-kompetenza ta' din il-Qorti għal kollox, għax f'ġudizzju ta' aċċertament fuq nuqqas ta' merċa jew defiċjenza fil-piż, u ħsara li tista' tiġi aċċertata biss, jew l-aktar malajr jew l-aktar faċili, fil-pjazez ta' l-iskarikazzjoni, jiġifieri f'dal-pajjiż, dina l-Qorti tibqa' xorta waħda kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-ġudizzju ta' l-aċċertament minħabba d-domiċilju reali. Dan ifisser li l-aċċertament mitlub fit-tieni talba, u d-dikjarazzjoni mitluba fit-tielet talba, peress li ma jistgħux pratikament isiru ħlief f'ġudizzju f'dal-pajjiż, għax il-bhejjem jinsabu hawn u hawn iridu jkunu eżaminati, jibqgħu ta' kompetenza ta' dil-Qorti, għax inkella tkun diffiċili l-prova, u għalhekk tkun imfixkla l-ġustizzja. Iżda 'l hemm minn dan il-Qorti ma tistax tmur; mhux biss għar-raġuni tal-patt speċjali stampat fil-fattura, iżda b'mod partikulari għax id-ditta konvenuta t'nsab domiċiljata barra minn Malta, hawn Malta ma għandhiex rappreżentant, u ġid f'Malta ma għandhiex. U tabilħaqq, il-bhejjem in kwistjoni l-lum huma ta' l-attur;

Fuq il-meritu..............;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tikkonstata li sebgħa mill-barrin in kwistjoni waslu Malta kastrati, u li waħda mill-baqar mibjugħa kienet tuberkolotika; tiċħad l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni rigward dawk

il-kapi-deċiżi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine; u tilqa' l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni rigward it-talbiet l-oħrajn kollha; u għalhekk teħles lill-konvenut nomine mill-ħarsa tal-ġudizzju relativament għalihom, bl-ispejjeż kontra l-attur.